Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22

Data tal-laqgħa: 24 ta' Settembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

22.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Nru. 19, Laqgħa Urġenti Nru. 20 u Laqgħa Urġenti Nru. 21. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

22.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 22.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

22.3.1.1 Para 19.12.6 - *Un/Loading Bay* quddiem Black Box f'Wied Ħal Balzan
Wara li l-Kunsill approva estensjoni ta' siegħa, sid il-ħanut qed jitlob lill-Kunsill jikkunsidra li l-ħinijiet jiġu estiżi bejn it-8.00 sas-13.00 u mill-16.00 sas-19.00. Il-Kunsill approva u ser japplika ma' TM.

22.3.1.2 Is-Sindku talab sabiex tintbagħat *reminder* għall-applikazzjoni ma' TM biex issir *un/loading bay* quddiem Bottarga.

22.3.2 Para 19.4.2 - Għassa tal-pulizija
Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef staqsa jekk inbagħtitx l-ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija. Is-SE ikkonfermat li l-ittra ġiet mibgħuta u rċivejna *acknowledgement letter*.

## 22.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.4.1 Sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Kbira
Is-Sindku staqsa dwar meta ser jitneħħa l-*boundary wall* li nbena quddiem sit ta' kostruzzjoni maġenb il-Każin Marija Annunzjata. Is-SE infurmat li dan ġie rtirat 'il ġewwa u nhar it-Tnejn se jerġu' isiru l-*parking bays* li kienu tneħħew minn faċċata.

22.4.2 Triq magħluqa mingħajr permess
Il-Viċi Sindku staqsa dwar jekk il-pulizija ħadux azzjoni meta Triq l-Annunzjata ingħalqet mingħajr permess minħabba xogħol ta' kostruzzjoni. Is-SE infurmat li l-pulizija ma tawx *feedback*. Il-Viċi Sindku talab li niktbu lis-Supretendent tad-distrett u ninfurmawh li dan l-inċident qed issir pjuttost regolari.

**F'dan il-ħin (4.12pm) daħlet il-Kunsillier Mary Louise Briffa għal-laqgħa.**

## 22.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

22.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 22.6 Rapporti

22.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 22.7 Vakanza ta' Skrivan (Skala 15 – *full-time*)

22.7.1 Is-SE infurmat li l-kandidat li ġie fl-ewwel post infurma li m'għadux interessat li jokkupa l-post vakanti. Għalhekk il-post vakanti ġie mimli mill-persuna li ġiet fit-tieni post, is-Sa Claudine Hundsrucker.

22.7.2 Is-SE infurmat lis-Sa Hundsrucker bdiet minn nhar it-Tlieta, 22 ta' Settembru 2020 u sejra tajjeb ħafna.

## 22.8 Jum Ħal Balzan 2020

22.8.1 Il-Kunsill qabel li d-data kif ukoll il-programm għal Jum Ħal Balzan jiġu deċiżi aktar 'il quddiem, skond kif tkun is-sitwazzjoni tal-COVID-19.

## 22.9 Laqgħa bejn il-Perit tal-Kunsill u s-Sindku fuq diversi proġetti

22.9.1.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-Perit fuq numru ta' proġetti li qed jaħdem fuqhom il-Kunsill.

22.9.1.2 <u>Tisbiħ tal-*Playing field*</u>
Is-Sindku infurma li l-pjanti għal dan il-proġett ġew kważi ffinalizzati, peress li inbidel ftit il-*layo*ut. Is-Sindku qal li l-parti fejn kienet ġejja l-ATM ġiet eliminata peress li ħadd mill-banek ma wera nteress li jinstalla *ATM machine*. Il-pjanti finali se jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss.

22.9.1.3 <u>Devoluzzjoni tal-għalqa f'Wesgħa Profs. Ġużе' Aquilina</u>
Is-Sindku infurma li l-*Land Registry Plan* kważi lesta. Din hemm bżonnha sabiex il-Kunsill ikun jista' jibda l-ewwel fażi tal-proċess biex issir l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni tal-għalqa.

22.9.1.4 <u>Proġett ta' *embellishment* fi Triq il-Qarċilla</u>
Is-Sindku infurma li l-Perit qed jaħdem fuq disinn ġdid li se jinkludi *parking bays* u *herb garden*.

## 22.10 Wied Ħal Balzan

22.10.1 Is-SE infurmat li WSC kkonfermaw li qed jaħdmu fuq it-tender għax-xogħlijiet biex tiġi rranġata l-problema tad-drenaġġ li hemm f'Wied Ħal Balzan. WSC infurmaw li jekk imur kollox kif ippjanat, ix-xogħlijiet għandhom ikunu lesti s-sena d-dieħla. WSC infurmaw ukoll li biex tiġi rranġata l-problema se jkun hemm bżonn li tinqala' l-aħħar 50m ta' Wied Ħal Balzan.

## 22.11 Knis u Ġbir ta' skart

22.11.1 Is-SE infurmat li fil-11 ta' Settembru 2020 saret laqgħa mal-*Contracts Manager* u l-Kunsillier Stephen Gatt dwar is-servizz tal-knis u l-ġbir tal-iskart.

22.11.2 Kien hemm diskussjoni dwar in-nuqqasijiet li qed ikun hemm fuq dawn is-servizzi.

22.11.3 Il-Kunsill approva li minn dan ix-xahar jibdew jinħarġu *Default Notices* għal kull nuqqas li jkun hemm u jibda jitnaqqas % mill-ammont tal-*invoice* fl-aħħar tax-xahar, hekk kif hemm stipulat fil-kuntratti.

22.11.4 Dwar is-servizz tal-knis, peress li fix-xahar ta' Awwissu 2020 ma nħarġux *default notices,* il-*Contracts Manager* qed jipproponi li jitnaqqas 10% tal-ammont tal-*invoice* ta' kull xahar mill-*Performance Guarantee* għal diversi nuqqasijiet li kien hemm. Il-Kunsill unanimament approva.

## 22.12 *Bring-in-Site* f'Wesgħa Profs. Ġużе' Aquilina

22.12.1 Is-Sindku infurma li ta' kuljum qed jerġa' jkun hemm ilmenti fuq rimi ta' skart madwar il-*Bring-in-Site*. Dan kollu ġej minħabba nuqqas ta' infurzar.

22.12.2 Is-Sindku qal li l-pulizija qed jagħmlu spezzjonijiet imma s'issa għadhom ma qabdu lil ħadd. Is-SE infurmat li kienet kitbet lill-LESA, peress li *CCTV camera* suppost kienu qed jiġu immonitorjati minnhom. Is-SE qalet li LESA qalu li l-*cameras* mhux konnessi mas-sistema tagħhom u għalhekk bagħtitilhom il-proċedura ta' kif għandhom jiġu konnessi (provduta mill-persuna teknika mqabbda minn GreenPak). Sal-lum għad m'hemmx risposta dwar jekk il-*cameras* ġewx konnessi.

22.12.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niktbu lill-LESA biex ninfurmawhom li jekk sa ħmistax oħra, il-*cameras* ma jiġux konnessi u jibdew jiġu sorveljati, il-Kunsill ser ikun qed jikteb fuq il-*media* dwar dan in-nuqqas.

22.12.4 Din il-kwistjoni terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 22.13 Skema Finanzjarja Numru 1/2020 – Twettieq ta' Proġetti mill-Kunsilli Lokali

22.13.1 <u>Lanterni ta' fuq iz-zuntier tal-Kinsja</u>
Is-Sindku ippreżenta kwotazzjoni li tammonta għal kważi €24,000 għat-tibdil taż-żewġ lanterni li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja. Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma li l-lanterni preżenti qed jiġu rrestawrati mill-Gvern u għalhekk m'hemmx bżonn jinbidlu.

22.13.2 <u>Restawr tal-istatwa ta' Santa Marija</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport dwar l-istat tal-istatwa flimkien ma' stima tax-xogħlijiet biex tiġi rrestawrata l-istatwa ta' Santa Marija, ippreparati mir-restawratur James Licari. Il-Kunsill approva li din l-istatwa tiġi rrestawrati b'parti mill-fondi allokati ma' din l-iskema. Is-SE infurmat li hemm bżonn tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet peress li l-ispiża taqbeż ċertu ammont stabbilit fil-liġi tal-akkwist.

22.13.3 <u>*Embellishment* tar-*roundabout* ta' Triq l-Għerusija</u>
Ser inġibu xi kwotazzjonijiet għal *embellishment* (*greenary*) tar-*roundabout*.

## 22.14 Attivitajiet għal żmien il-Milied

22.14.1 Il-Kunsill se jiddiskuti x'attività tista' tiġi organizzata aktar 'il quddiem għax kollox ser jiddependi mis-sitwazzjoni tal-COVID-19.

## 22.15 Proġett *Greenscapes*

22.15.1 Is-Sindku infurma li wara l-laqgħa li l-Kunsill kellu ma' NGO partikolari f'Awwissu, tkellem mas-Sur Peter Portelli, persuna fil-lokalità li għamel *self-sustained roof garden.* Is-Sur Portelli lest li jgħin lill-Kunsill f'dan il-proġett.

22.15.2 Il-Kunsill ifforma sotto-kumitat biex jaħdem fuq dan il-proġett. Ħatar lill-Kunsillier Stephen Gatt u lis-Sur Portelli bħala membri f'dan is-sotto-kumitat. Jekk hemm xi nies oħra nteressati jiffurmaw parti minn dan is-sotto-kumitat, jiġu mressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 22.16 Servizz ta' trasport għall-anzjani

22.16.1 Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano infurma lill-Kunsill li talab appuntament mas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u Persuni b'Diżabilità, l-Onor Silvio Parnis biex jiġi diskuss dan is-servizz. Il-Kunsillier Mary Louise Briffa ser tkun qed tattendi din il-laqgħa, bħala l-persuna responsabbli mill-anzjani.

## 22.17 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

22.17.1.1 <u>Talba biex kaxxa safra fi Triq it-Tliet Knejjes issir *double yellow line*</u>
Resident, li kien preżenti għal-laqgħa qed jitlob biex il-kaxxa s-safra li tinsab faċċata tal-garaxx tiegħu (dar nru. 15) fi Triq it-Tliet Knejjes issir dyl peress li ta' kuljum qed ikollu problema biex juża l-garaxx peress li jkun hemm il-karozzi pparkjati.

22.17.1.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal permess ma' TM biex parti mill-kaxxa s-safra ssir dyl. Ser titħalla kaxxa safra quddiem is-*substation* tal-Enemalta.

22.17.2 <u>Akkumulu ta' *leave* għas-sena 2021</u>
Is-SE talbet lill-Kunsill għall-approvazzjoni permezz ta' reżoluzzjoni sabiex takkumula 60 siegħa mill-*leave* tal-2020 ma' tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill approva unanimament.

22.17.3 <u>*Leave* tal-iskrivan li ser jirtira</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li minħabba esiġenzi tax-xogħol, l-iskrivan ser ikollu ammont ta' *leav*e li mhux ser jilħaq jieħdu qabel ma jirtira. Il-Kunsill approva li l-iskrivan jitħallas tas-siegħat tal-*leave* li jkun għad baqalu jieħu.

22.17.4 <u>*One-Way System* fi Triq San Franġisk k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>
Is-SE infurmat li l-perjodu ta' prova (tliet xhur) għal din il-*one-way system* ser jagħlaq fl-aħħar ta' Settembru 2020. Il-Kunsill irrimarka li apparti li ma daħal l-ebda ilment, ma kienx hemm iżjed inċidenti fiż-żona. Għalhekk il-Kunsill unanimament approva li din is-sistema tibqa' b'mod permanenti.

22.17.5.1 <u>Kwotazzjoni biex tiġi rranġata parti mill-madum fi Sqaq Nru. 2, Triq it-Tliet Knejjes</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni għax-xiri tal-madum (ċangatura) u biex isir ix-xogħol biex jiġi rranġat sprall imkisser fl-isqaq.

22.17.5.2 Il-Kunsill unanimament approva.

22.17.6.1 <u>Talba għal kumpens – ħsara fuq il-bieb tad-dar u tal-garaxx minħabba l-ilma tax-xita</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li avukat f'isem ir-resident qed jerġa' jitlob kumpens ta' €2,217 għal ħsara li qed jallega li saret fuq il-bieb tad-dar 103, Triq Idmejda u tal-garaxx minħabba l-ilma tax-xita. Din it-talba qed issir bħala l-aħħar pass, fejn il-mittenti qed javża li jekk il-Kunsill jonqos milli jħallas il-kumpens, ma jkollux triq oħra ħlief li jaċċedi għall-qorti.

22.17.6.2 Is-SE fakkret lir-resident kien għamel Protest Ġudizzjarju fuq din il-kwistjoni, u l-Kunsill kien issottomessa kontro-protest, fejn ikkontesta dawn l-allegazzjonijiet.

22.17.6.3 Peress li l-pożizzjoni tal-Kunsill għadha l-istess, ser niċċekkjaw mal-avukat tal-Kunsill jekk għandniex nirrispondu għal din l-ittra jew le. Apparti minn hekk, ser jiġi ċċekkjat jekk hemmx permess tal-garaxx peress li fil-passat minflok bieb kien hemm tieqa.

22.17.7 <u>Talba biex issir *Motorcycle Bay* fi Triq Sisner</u>
Is-SE infurmat li l-*MC Bay* mhux se ssir għax min talabha ma jridhiex kif ġiet approvata mill-Kunsill.

22.17.8 <u>*Disabled Parking Bay* fi Triq Dun Spir Sammut</u>
Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li ġibdulha l-attenzjoni li ta' kull filgħaxija qed tiġi imblukkata r-*disabled parking bay* ta' quddiem il-Kunsill. Il-pulizija ser jiġu infurmati biex jinfurzaw.

22.17.9.1 <u>Armar tal-Festi</u>
Il-President tas-Soċjetà Filarmonika Marija Annunzjata qed jistaqsi jekk il-Kunsill jistax joħroġ xi tip ta' permess bil-miktub għall-għarmar tal-festi, biex f'każ li resident jagħmel ilment, dan l-għarmar ikun kopert u ma jkunx hemm bżonn li jiżżarma.

22.17.9.2 Ġie rrimarkat li l-Kunsill diġà joħroġ permess, kull sena meta l-Każini japplikaw għall-permessi tal-festa mal-pulizija.

22.17.10 <u>Sigurtà fil-lokalità</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta minn resident fuq is-sigurtà fit-toroq tal-lokalità. Is-Sindku rrimarka li fil-passat il-Kunsill kien diġà beda jaħdem fuq programm ta' *neighbourhood watch* però ma kinitx irnexxiet minħabba nuqqas ta' voluntiera speċjalment fix-xift ta' bil-lejl. Dwar *CCTV cameras* fit-toroq, dan mhux possibbli minħabba *data protection*.

22.17.11.1 <u>Talba biex single yellow line fi Triq San Franġisk isir *double yellow line*</u>
Resident qed jitlob biex is-syl li jinsab faċċata tal-garaxx tiegħu fi Triq San Franġisk (bejn Triq Birbal u Triq il-Kbira) issir dyl peress li ta' kuljum ikun hemm il-karozzi pparkjati, speċjalment fil-ġranet tal-iskola.

22.17.11.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir spezzjoni biex jiġi identifikat il-garaxx u napplikaw għal permess ma' TM.

22.17.12 <u>*European Week for Waste Reduction* 2020</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta minn WasteServ dwar il-EWWR 2020. Il-Kunsillier Stephen Gatt issuġġerixxa attività li l-Kunsill jista' jorganizza bħala kampanja edukattiva. Il-Kunsill qabel u l-Kunsillier Stephen Gatt ser jieħu ħsieb l-applikazzjoni u l-organizzazzjoni tal-attività.

22.17.13.1 <u>Ċirkulari Nru. SPI/SCI/3/2020 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilità u Mobilità</u>
Ġiet innutata Ċirkulari Nru. SPI/SCI/3/2020 mibgħuta mid-DGL. Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef issuġġerixxa li jsir xi ħaġa relatata mal-aċċessibilità diġitali, bħal eżempju l-*website* tal-Kunsill li tkun tista' tiġi aċċessata minn persuni neqsin mid-dawl.

22.17.13.2 Is-SE ser tiċċekkja mas-*service provider* tal-*website* biex jipprovdi kwotazzjoni. Deċiżjoni dwar il-proġett u jekk hux ser napplikaw tittieħed permezz tal-*email*, peress li din l-iskema miftuħa sal-aħħar t'Ottubru 2020.

22.17.14.1 <u>Ċirkulari AKL 2020/108 – Il-Festa bħala Wirt Intanġibbli Dinji</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2020/108 mibgħuta mill-AKL, fejn l-Għaqda Każini tal-Baned qed titlob il-koperazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jgħinu fil-proċess biex il-Festa Maltija tiġi rikonoxxuta bħala Wirt Kulturali Intanġibbli.

22.17.14.2 Il-Kunsill ser jipprepara l-ittra mitluba sabiex ikun jista' jgħin fil-proċess.

22.17.15.1 <u>*Flooding* f'kumpless ta' garaxxijiet fi Triq il-Barriera</u>
L-amministratur ta' kumpless ta' garaxxijiet fi Triq il-Barriera qed jissuġġerixxi li jsir sprall quddiem ir-rampa tal-garaxxijiet peress li qed jidħlilhom ħafna ilma kull meta tagħmel ix-xita.

22.17.15.2 Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef iddikjara kunflitt ta' interess peress li huwa sid ta' garaxx f'dan il-kumpless u għalhekk ma ħax sehem fid-diskussjoni.

22.17.15.3 Ser issir laqgħa fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill u l-amministratur tal-kumpless biex jiġi stabbilit x'jista' jsir biex tissolva din il-problema.

22.17.16.1 <u>Suġġerimenti fuq Triq B. Bontadini</u>
Residenta ressqet numru ta' suġġerimenti li jistgħu jiġu implimentati fi Triq B. Bontadini biex jiskoraġġixxu s-sewwieqa milli jibqgħu ġejjin dritt min-naħa ta' Birkirkara.

22.17.16.2 Il-Kunsill m'approvax li jsiru *bollards* tal-plastik fit-triq.

22.17.16.3 Dwar *sleeping policeman*, man-naħa ta' Triq il-Kannizzata, biex din it-talba tkun tista' tiġi kkunsidrata, l-ewwel ir-resident irid iġib kunsens bil-miktub mir-residenti tal-madwar li qed jaċċettaw li ssir *sleeping policeman* quddiemhom.

22.17.16.4 Dwar *sleeping policeman* man-naħa ta' Birkirkara, din it-talba għaddiet lill-Kunsill Lokali Birkirkara u ma ġietx approvata.

22.17.16.5 Dwar *T-shape Island* fuq l-*istop sign* qabel ma tidħol Ħal Balzan, ser ngħaddu s-suġġeriment lill-Kunsill ta' Birkirkara.

22.17.17.1 <u>*Flooding* f'residenza fi Sqaq Nru. 4, Triq Sant'Antnin</u>
Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma lill-Kunsill li flimkien ma' Kunsillier mill-Kunsill Lokali Ħ'Attard, nhar is-Sibt 19 ta' Settembru 2020, iltaqgħu ma' sid id-dar li hemm fl-isqaq dwar il-problema kbira ta' *flooding*. Il-Kunsillier Gatt qal li kellha madwar 2m ilma ġewwa d-dar. Dan ġie kkawżat peress li San Anton x'aktarx għalqu xi ġibjuni.

22.17.17.2 Ġie rrimarkat li min-naħa tal-Kunsill irridu nieħdu ħsieb li nnaddfu l-isprall ta' quddiem l-isqaq. Il-problema ta' ilma ġejja min-naħa ta' Ħ'Attard u Ħal Lija.

## 22.18 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

22.18.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 09/20, li tinkludi l-ammont ta' €71.31c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Awwissu 2020.

22.18.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 22.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

22.19.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.08pm.

22.19.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2020 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |